MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 396/2004

**Ta' Gauci Poultry Ltd**

**vs**

**Nazzareno Bonello**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tliet mija u sitta u hamsin lira Maltin  u hamsa u sebghin cemtezm (Lm4,356.75) liema somma hija rapprezentanti diversi fornituri ta' tigieg u tajr iehor mibjughin u kkonsenjati lill-konvenut, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u li baqa' ma thallasx lill-atturi.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju enumerat 1414/2004 kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-5 ta' Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------